*Ħidmiethom Tibqa' Imfakkra ...*

# REV. CARMELO FRENDO (1942-1980)

## Ħamsa u għoxrin sena minn mewtu

**Nhar il-festa ta' Sant'Antnin ta' l-1980, xterdet l-aħbar xejn mistennija li l-kappillan ta' Birżebbuġa, Rev. Carmelo Frendo, kien miet ħabta u sabta. Din l-aħbar ħasdet lill-komunità ta' Ħad-Dingli b'mod partikulari għaliex sa sentejn qabel kien ir-ragħaj spiritwali tagħha. Għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt ta' Dun Karm, kif kien magħruf, SAVIO D. BORG jżomm ħajja l-memorja ta' dan is-saċerdot ħabrieki.**

Rev. Carmelo Frendo twieled nhar l-10 ta' Settembru, 1942, f'numru 82, Misraħ San Franġisk, Ħal Qormi bin Giorgio u Antonia neè Cassar. Kien l-ewwel iben tal-koppja Frendo. Warajh twieldu Francis u Ġorġina. Tlett ijiem wara huwa ġie mgħammed fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ minn idejn żijuh Dun Ġerald Frendo. Il-parrini kienu Carmelo u Concetta neè Azzopardi, nanniet taċ-ċkejken Carmelo min-naħa ta' missieru. Carmelo irċieva l-Ewwel Tqarbina nhar is-27 ta' Lulju, 1947 u l-Griżma ta' l-Isqof ġiet amministrata lilu nhar l-14 ta' Jannar, 1951 mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi. Il-parrinu kien għal darba oħra żijuh Dun Ġerald.

L-ewwel edukazzjoni tiegħu rċeviha fl-iskola tas-Sorijiet Agostinjani u fl-iskola Primarja tal-Gvern, it-tnejn f'raħal twelidu. Wara huwa għadda għas-Seminarju Minuri, dak iż-żmien il-Furjana.

It-tfulija ta' Karmenu, kif kien magħruf, kienet waħda normali bħal ta' tfal oħra. Jilgħab fi sqaq ta' biswit id-dar tal-ġenituri tiegħu daqqa liebes taparsi pjaneta biex iqaddes, jew jilgħab b'xi vara ċkejkna taparsi qed jieħu sehem f'xi purċissjoni flimkien ma' sħabu. Sa mill-età tenera t'4 snin kien imsieħeb fil-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes li tagħha kien ukoll fratell missieru. Baqa' f'din il-fratellanza sa ftit xhur qabel ma' daħal is-Seminarju Maġġuri biex jibda l-kors għas-saċerdozju. Kien jiffrekwenta ċ-Circolo ta' l-Azzjoni Kattolika u kien żelanti ħafna. Meta tfarfar kien inkarigat mit-tagħlim nisrani kattoliku fl-istess ċirkolu. Il-ħeġġa li kellu għat-tagħlim wasslitu għall-vokazzjoni saċerdotali. Kellu ukoll xi qraba saċerdoti li għenuh biex jagħraf aħjar is-sejħa t'Alla.



*Rev. Carmelo Frendo fil-jum tal-pussess tiegħu bħala Kappillan ta' Ħad-Dingli*

Huwa daħal is-Seminarju Maġġuri f'Ottubru 1961. Fis-16 ta' Diċembru, 1966 huwa rċieva t-Tonsura u l-għada rċieva l-Ostarjat u l-Lettorat. Fit-23 ta' Diċembru, 1967 huwa rċieva l-Eżorċistat u l-Akkolitat. Nhar it-3 ta' Awissu, 1968, ngħata s-Suddjakonat u sar Djaknu nhar il-21 ta' Diċembru, 1968, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-jum mixtieq għal kull seminarista wasal nhar it-22 ta' Marzu, 1969. F'dak il-jum tant mistenni, Karmenu kkonsagra ħajtu lil Alla. F'ċerimonja solenni fil-Kon-Katidral



*Ma' grupp ta' seminaristi. Dun Karm Frendo jidher bil-wieqfa t-tielet mix-xellug. Fir-ritratt, bil-wieqfa t-tielet mil-lemin jidher ukoll Dun Ġużepp Pace li kien ukoll Kappillan ta' Ħad-Dingli*

il-Belt mmexxija mill-Arċisqof Michele Gonzi, 8 seminaristi u 16-il reliġjuż ġew ordnati saċerdoti għal dejjem. Fatt interessanti kien li seminarista li ġie ordnat saċerdot flimkien ma' Dun Karm kien Dun Ġużepp Pace li nħatar kappillan tal-parroċċa tagħna wara Dun Karm. Il-*prima messa* għamilha nhar is-27 ta' Lulju, 1969, fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Il-parrini kienu l-Kan. Ġużepp Zammit, kuġin ta' Dun Karm, u Mons. Ġużepp Lupi. U hekk Dun Karm kien lest biex imidd għonqu fl-għalqa tal-Mulej. Bħala motto għall-ħidma saċerdotali hu ħa l-kliem ta' Ġesù: "Jien hu r-ragħaj it-tajjeb."

Il-bidu tal-ministeru saċerdotali bdieh fil-parroċċa ta' Marija Immakulata, il-Ħamrun: parroċċa żgħira u żagħżugħa li kienet għadha kif twaqqfet fl-1968. Huwa serva bħala viċi-parrokku sa l-1974. Kien rappreżentant fil-Kunsill Presbiterali u President tal-Għaqda tal-Viċi-Parroċċi. Fil-25 ta' Marzu, 1974, tħabbret il-ħatra ta' Dun Karm Frendo bħala Kappillan ta' Ħad-Dingli wara li l-Kappillan Dun Pawl Caruana nħatar Arċipriet tal-Parroċċa tan-Naxxar. Kien l-aħħar Kappillan għal Ħad-Dingli li ġie maħtur mill-Arċisqof Michele Gonzi. Fl-20 t'April il-kappillan elett għamel il-professjoni tal-fidi fil-Kurja Arċiveskovili f'riġlejn l-Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali. Fit-13 ta' Mejju, 1974, ġie nnominat formalment bħala t-tnejn u tletin kappillan tal-parroċċa tagħna. Il-Ħadd 19 ta' Mejju, 1974, huwa ngħata l-pussess minn Mons. Lawrenz Spiteri, qarib ta' Dun Karm, bix-xhieda jkunu Dun Ġerald Frendo u Dun Ġwann B. Abela. U hekk bdiet il-ħidma tal-kappillan Frendo fostna.

Għalkemm il-parrokkat ta' Dun Karm kien wieħed qasir, biss kien wieħed li ħalla marka fuq il-parroċċa tagħna. Is-snin sebgħin kienu żminijiet ta' bidla għall-Knisja Universali. Wara l-Konċilju Vatikan II, il-Knisja riedet taġġorna l-istrutturi tagħha għaż-żminijiet li kienu ġejjin fuqha. Wara t-tibdil kbir liturġiku li sar fis-snin sittin, kien imiss tibdil fl-atteġġjament, fil-ħsieb u fir-relazzjoni li l-membri kollha tal-Knisja, kemm saċerdoti kif ukoll lajċi, kellhom bejniethom. Is-sehem tal-lajċi fil-Knisja kien qed jingħata importanza kbira. U Ħad-Dingli ma kienx l-eċċezzjoni.

L-ewwel biċċa xogħol li daħal għaliha l-kappillan Frendo nsibu t-twaqqif tal-Kunsill Parrokkjali li segwa l-Kunsill Ċiviku. Fit-30 ta' Mejju, 1974, saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill li ġabar fih rappreżentanti mill-għaqdiet reliġjużi kollha kif ukoll membri oħra tal-parroċċa. Il-Kunsill Parrokkjali beda joħroġ fuljett kull xahrejn biex iżomm lill-parruċċani nfurmati bil-ħidma u l-attivitajiet li jsiru fil-parroċċa. Fi żmienu twaqqfu wkoll l-Klabb Nisa Dingli, il-Gruppi Familji Nsara u ċentru għaż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ kellhom post speċjali fil-ħajja ta' Dun Karm. Saċerdot li kien jafu mill-qrib sejjaħ lil Dun Karm appostlu taż-żgħażagħ. Ipprova kemm seta' u bil-mezzi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, jiġbor liż-żgħażagħ biex ma jintilfux fit-triq il-ħażina.

Ix-xogħol fil-knisja parrokkjali tkompla wkoll tul il-parrokat ta' Dun Karm. Tkompla x-xogħol tad-dekorazzjoni fil-koppla li nfetħet fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-



*Ma' sħabu s-seminaristi f'mument ta' mistrieħ*

Assunta. Sar l-invjar tas-saqaf tal-knisja u wara tal-knisja kollha. Inbniet l-apramorta tal-knisja u saret installazzjoni ġdida ta' l-elettriku kemm fil-knisja kif ukoll fiċ-ċimiterju. Saru bankijiet ġodda għall-kumdità tal-poplu. Flimkien mal-Kumitat Festa Esterna hu ħadem biex il-festa esterna tieħu spinta 'il quddiem. Saru pavaljuni ġodda mat-toroq prinċipali u saret statwa tal-Papa Piju XII, il-Papa ta' l-Assunta, xogħol ta' Wistin Camilleri. F'dan iż-żmien inkiteb ukoll l-Innu Marċ tal-Assunta kitba ta' Dun George Mercieca, li kien membru tal-komunità Salesjana fir-raħal tagħna u mużika tal-magħruf Mro. Vincenzo Ciappara.

Matul il-parrokat ta' Dun Karm, Ħad-Dingli fakkar it-tlett mitt sena mit-twaqqif mill-ġdid tal-parroċċa fl-1678. Sar programm varjat biex ifakkar din il-ġrajja. Il-qofol intlaħaq fil-festa tal-Assunta ta' 1978. Saru diversi attivitajiet biex il-parroċċa kollha tħossha parti minn din il-festa. Saru ċelebrazzjonijet matul il-kwindiċina kollha u kull jum kien iddedikat għal xi kategorija partikolari fost il-poplu. Waħda mill-attivitajiet il-kbar li baqgħet stampata fil-qalb ta' kull min kien preżenti kienet bla dubju ta' xejn il-mument tar-ritorn ta' l-istatwa titulari mill-Imdina wara li ġiet indurata mill-ġdid mis-Sur Horace Farrugia. Inħareġ ktieb mill-Kunsill Parrokkjali li ġabar diversi kitbiet dwar il-ħajja tal-parroċċa matul il-medda ta' tlett mitt sena.

Okkażjoni ta' ferħ kienet il-ħatra ta' iben Ħad-Dingli bħala Isqof: Walter Michael Ebejer, missjunarju Dumnikan fil-Brażil ġie kkonsagrat isqof għad-djoċesi ġdida ta' Uniao de Vitoria f'Parana fis-6 ta' Marzu, 1977.

F'Ġunju ta' 1978 tħabbar li Dun Karm kien se jiġi trasferit għall-parroċċa ta' Birżebbuġa. Fit-28 ta' Ottubru, 1978 tħabbret in-nomina ta' Dun Karm bħala l-ħames kappillan tal-Parroċċa ta' San Pietru fil-Ktajjen. L-għada ħa l-pussess minn idejn Mons Ġużeppi Lupi bix-xhieda jkunu l-Kan. Ġużepp Zammit u l-Kan. Onor. Rikard Attard.

Il-parrokkat tal-kappillan Frendo f'Birżebbuġa kien wieħed qasir ta' ftit xhur. Nhar it-13 ta' Ġunju, 1980, festa liturġika tal-Qalb ta' Ġesù, għat-tmienja ta' filgħodu, Dun Karm miet fid-Domus Curialis fl-għomor ta' 37 sena. Il-funeral sar l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa u ndifen fiċ-Ċimiterju Kristu Rxoxt, Ħal Qormi.

Kemm f'Ħad-Dingli kif ukoll f'Birżebbuġa ssemmew toroq għall-kappillan Frendo. Fil-parroċċa tagħna għandna pjaneta ħamra u bieqja li huma tifkira tal-kappillan Frendo.

Nagħlaq dan l-artiklu b'aneddotu ċkejken li ġara fil-parroċċa tagħna li juri l-imħabba li kellu Dun Karm lejn l-Ewkaristija: kull ġimgħa fil-parroċċa ssir l-adorazzjoni Ewkaristika. Darba xi ħadd qallu biex ma jibqax jagħmilha minħabba nuqqas fl-attendenza. Dun Karm pront irrisponda, "Ukoll jekk inkun waħdi nibqa' nagħmilha." X'eżempju sabiħ għalina lkoll speċjalment f'din is-sena ddedikata lill-Ewkaristija li hija ċ-ċentru tal-ħajja nisranija.



*Il-korteo funebri fit-toroq ta' Birżebbuġa*